**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – AC vs Deutsche Lufthansa AG**

**(Kawża C-148/20)**

(2020/C 279/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* AC

*Konvenuta:* Deutsche Lufthansa AG

**Domandi preliminari**

Id-Direttiva (UE) 2016/681 [1], ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?

5. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali Ewropej ikun iggarantit b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-data PNR ma' awtoritajiet ta' Stati terzi minn pajjiżi terzi?

(1) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-16 ta' Marzu 2020 – DF vs Deutsche Lufthansa AG**

**(Kawża C-149/20)**

(2020/C 279/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* DF

*Konvenuta:* Deutsche Lufthansa AG

### Domandi preliminari

Id-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]), ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?

5. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali Ewropej ikun iggarantit b'mod suffiċjenti fil-kuntest tal-kondiviżjoni tad-data PNR ma' awtoritajiet ta' Stati terzi minn pajjiżi terzi?

([1]) Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU 2016, L 119, p. 132).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fis-17 ta' Marzu 2020 – BD vs Deutsche Lufthansa AG

**(Kawża C-150/20)**

(2020/C 279/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Köln

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* BD

*Konvenuta:* Deutsche Lufthansa AG

### Domandi preliminari

Id-Direttiva (UE) 2016/681 ([1]), ikkunsidrata fid-dawl tal-punti segwenti, hija konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

1. Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri [(iktar 'il quddiem id-"data PNR")] li għandha tiġi ttrasferita taħt id-Direttiva 2016/681 għandha titqies li hija speċifika biżżejjed għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tagħmel distinzjoni materjali suffiċjenti fil-kuntest tal-ġbir u tat-trasferiment tad-data PNR skont it-tip ta' titjira u l-livell ta' theddida f'pajjiż partikolari kif ukoll skont paragun ma' databases u ma' mudelli?

3. It-tul standard u mingħajr distinzjoni tal-perijodu li matulu tinħażen id-data PNR kollha huwa kompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

4. Id-Direttiva 2016/681, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tipprevedi protezzjoni proċedurali suffiċjenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-użu tad-data PNR maħżuna?